MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 463/2010

**Vodafone Malta Limited – C-10865**

**vs**

**Darren Pisani – ID-353585M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta’ Marzu 2010, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ Euro736.89c (seba’ mija u sitta u tletin ewro u disgha u tmenin centezmu) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma servizzi tat-telephone bin-numri 99885629;

Bl-ispejjes inkluz dak ta’ mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment u ta’ mandat ta’ qbid numru 1634/09 u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt minn issa biex jidher ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni ta’ l-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-7 ta’ Mejju 2010, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u *quindi* n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta’ Euro736.89c (seba’ mija u sitta u tletin ewro u disgha u tmenin centezmu) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta’ l-odjern avviz u bl-ispejjes kollha kif mitluba ta’ din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------